# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2019

**Kawża Numru 12(Kost.)**

**Rik. Nru. 69/14JRM**

Fl-Atti tar-Riferenza tas-7 ta' Ottubru, 2014, mibgħuta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-Att tal-kawża fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA (Spettur Hubert Ċini)**

vs

Mark Andrew **BRINCAT** u Rita Brincat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Ottubru, 2014[1] (sedenti l-Maġistrat

[1] Paġġ. 1 sa 3 tar-Riferenza

Aaron M. Buġeja) li permezz tagħha u fuq kwestjoni mqajma minn dik l-istess Qorti waqt is-smigħ tad-19 ta' Novembru, 2013, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ il-pożizzjoni legali tal-imputati "fir-rigward tas-sitwazzjoni legali fil-konfront tal-artikolu 25A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta)" u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[2] f'dak li jirrigwarda l-bdil fi pwieni preskritti taħt il-liġi partikolari;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2014, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ tas-6 ta' Novembru, 2014, u ordnat li ssir notifika tal-atti wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Diċembru, 2014[3], li biha laqa' għar-Riferenza billi, b'mod preliminari, qal li ma jidhirx li r-Riferenza saret skond ma jitlob ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni[4] għaliex ma ssemmix taħt liema artikoli tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa il-"Konvenzjoni") jew tal-Kostituzzjoni tar-Repubbblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") saret l-imsemmija Riferenza. Bla ħsara ta' dan, huwa żied jgħid li jekk kemm-il darba r-Riferenza tressqet taħt l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jew/u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, dawk l-artikoli ma jgħoddux għall-każ li l-Qorti Riferenti kellha quddiemha billi dawk l-artikoli jgħoddu biss għall-każijiet fejn persuna tkun instabet ħatja b'mod definittiv ta' reat kriminali u mhux qabel dak il-waqt. Fil-każ tal-imputati, dawn għadhom ma nstabx ħatja tal-akkużi mressqa kontra l-ebda wieħed minnhom. Minbarra dan, lanqas jista' jingħad li hemm ksur ta' dawk l-artikoli tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni għaliex l-imputati jinsabu mixlija b'reati li, fiż-żmien li twettqu, kienu jikkostitwixxu reat skond il-liġi u l-proċediment kien tressaq kontrihom meta l-egħmil kien jitqies bħala reat. Il-bdil li sar fil-liġi, wara li nbeda l-proċediment, ma jolqotx is-siwi tal-akkużi u l-proċedimenti li nbdew taħt dawk id-dispożizzjonijiet ta' qabel;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2015, li bih reġgħet bagħtet l-atti tar-Riferenza lura lill-Qorti Riferenti biex tippreċiża d-dispożizzjonijiet li dwarhom kienet talbet l-istess Riferenza;

Rat il-provvediment mogħti mill-Qorti Riferenti[5] li bih kienet qiegħda formalment tindika l-artikoli 39(1) u (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6

[2] Kap. 249
[3] Paġġ. 8 sa 11 tar-Riferenza
[4] Reg 5(1) tal-A.L. 279/08 (L.S. 12.09)
[5] Ara paġġ. 15 – 7 tar-Riferenza 70/14 li kienet miexja ma' din

u 7 tal-Konvenzjoni bħala d-dispożizzjonijiet li fuqhom talbet direzzjoni minn din il-Qorti fl-imsemmija Riferenza;

Rat ir-Risposta Ulterjuri mressqa mill-Avukat Ġenerali fis-7 ta' Mejju, 2015, li biha laqa' ulterjorment għar-Riferenza billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qal li l-qagħda tal-imputati ma ġġib magħha l-ebda ksur għaliex, jekk l-imputati jew min minnhom se jinstabu ħatja, dan se jkun dwar għemil li, fiż-żmien meta twettaq, kien reat preskritt mil-liġi u l-proċeduri li tnedew inbdew qabel ma kien hemm bdil fil-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2015, li bih tat lill-partijiet il-fakultà li jressqu bil-miktub is-sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-Riferenza;

Rat n-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Lulju, 2015[6];

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-parti ċivili waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2015, li biha qalu li kienu joqogħdu fuq is-sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-imputat li biha irrinunzja għall-fakultà li jressaq sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tar-Riferenza u dawk tal-Att tal-Akkuża li għalihom tirreferi r-Riferenza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Qorti Riferenti") biex tqis jekk bl-akkużi li jinsabu mixlija bihom l-imputati humiex se jġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom għal smigħ xieraq (kif imħares bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni) jew tal-jedd tiegħu li ma jinstabux ħatja ta' reat kriminali minħabba xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxi reat kriminali fil-ħin meta jkun sar (kif imħares bl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni). Il-Qorti Riferenti għamlet ir-Riferenza għaliex l-għemil li l-imputati jinsabu mixlija bih

[6] Paġġ. 22 sa 31 tar-Riferenza

kien maħsub taħt dispożizzjoni ta' liġi li, wara li nbeda l-proċediment kontrihom, tħassret b'bidla li saret fil-liġi u waqt li l-imsemmi proċediment għadu jinstema';

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li fit-22 ta' Settembru, 2011[7], it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi ta deċiżjoni fuq talba ta' Anabel Grech u Phyllis Grech fil-konfront ta' Timberland Co Limited rigward xi bibien li l-kumpannija kienet ikkunsinjatilhom u li fihom ħarġu difetti. It-Tribunal kien ikkundanna lill-kumpannija tħallas lill-imsemmija Grech is-somma ta' elfejn seba' mija u erbgħa u sebgħin euro (€ 2,774) flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, u li l-istess kumpannija setgħet tieħu lura l-bibien difettużi wara li tħallas lill-konsumaturi l-imsemmija somma b'danni;

Illi l-imputati jirrappreżentaw lill-imsemmija kumpannija, għalkemm kien l-imputat waħdu li jmexxiha u ż-żewġ imputati jinsabu *de facto* mifruda u bejniethom għaddejjin proċeduri għall-firda personali;

Illi b'ittra mibgħuta lill-imputat fit-13 ta' Ottubru, 2010[8], id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni bagħtet tavżah li kien naqas milli jwettaq id-deċiżjoni tat-Tribunal u tatu ħamest (5) ijiem biex jagħmel dan. Wissietu wkoll li, jekk kemm-il darba jonqos li jwettaq id-deċiżjoni sa aktar minn tliet (3) xhur minn mindu ngħatat, kienu se jittieħdu proċeduri kriminali kontrih bis-saħħa tal-artikolu 25A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Ittra oħra reġgħet intbagħtitlu fis-26 ta' Novembru, 2010[9];

Illi fl-14 ta' Frar, 2011, il-Pulizija Eżekuttiva ħarġet Taħrika ta' Kawża fil-konfront ta' l-imputati quddiem il-Qorti Riferentii u xliethom talli, minkejja n-notifiki li kienu ntbagħtu, kienu naqsu li jaderixxu rwieħhom mad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal u b'hekk saru ħatja ta' ksur tal-artikolu 25A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u talbet li fil-konfront tagħhom il-Qorti Riferenti timponi multa kif maħsub f'dak l-artikolu;

Illi b'bidliet li saru bis-saħħa tal-Att VI tal-2011 dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur[10], l-artikolu 25A tal-Kap 378 tħassar;

Illi waqt is-smigħ tal-25 ta' Settembru, 2013[11], il-Qorti Riferenti indirizzat lill-Prosekuzzjoni biex tittratta l-punt dwar is-sitwazzjoni legali fil-konfront tal-imsemmi artikolu 25A "in vista tal-fatt li fid-data tal-lum il-fatt li

[7] Dok "A" f'paġġ. 2 – 3 tal-Atti tal-Akkuża
[8] Dok "B" f'paġ. 4 tal-Atti tal-Akkuża
[9] Dok "Ċ", f'paġ. 5 tal-Atti tal-Akkuża
[10] Kap 510
[11] Paġ. 7 tal-Atti tal-Akkuża

kien jikkostitwixxi reat li kien viġenti fiż-żmien indikat fit-taħrika m'għadux hekk penalizżat";

Illi bi provvediment mogħti fis-6 ta' Marzu, 2014[12], u wara li kienet qieset sottomissjonijiet miktuba mressqa mill-partijiet, il-Qorti Riferenti ordnat li s-smigħ quddiemha tal-każ kontra l-imputati jitkompla;

Illi fis-smigħ li sar quddiem il-Qorti Riferenti fil-15 ta' April, 2014,[13] l-avukati tal-imputati talbu li, minkejja l-provvediment tagħha, il-Qorti Riferenti xorta waħda tirreferi l-kwestjoni lil din il-Qorti;

Illi fis-7 ta' Ottubru, 2014, il-Qorti Riferenti tat il-provvediment li, bis-saħħa tiegħu, saret ir-Riferenza tal-lum;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ taħt eżami, din il-Qorti tqis li l-kwestjoni kollha tintrabat mal-effetti li ġab miegħu t-tħassir tal-artikolu 25A tal-Kap 378 u jekk dak it-tħassir jolqotx b'xi mod it-tmexxija 'l quddiem tal-proċediment imniedi kontra l-imputati Brincat u l-eventwali sejbien ta' ħtija fihom għar-reat li bih kienu mixlija;

Illi bħala regola huwa stabbilit li r-Riferenza mressqa mill-Qorti Riferenti trid titqies biss fil-parametri tal-formulazzjoni magħmula u fil-qafas ta' ksur tad-drittijiet imsemmija f'dik ir-Riferenza. Kif ingħad qabel, jidher li r-Riferenza titlob stħarriġ kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi fil-provvediment ta' kjarifika magħmul mill-Qorti Riferenti, l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti jirrigwarda l-artikolu 39(1) u 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u dan b'mod partikolari kif jolqtu proċeduri kriminali dwar reati li ma jibqgħux reati matul iż-żmien li jkunu mexjin l-imsemmija proċeduri;

Illi safejn huwa rilevanti għall-każ tal-lum, l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi*". Barra minn hekk, l-artikolu 39(8) jipprovdi li "*Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi*

[12] Paġġ. 20 – 1 tal-Att tal-Akkuża
[13] Paġ. 23 tal-Att tal-Akkuża

*imposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dk ir-reat meta jkun ġie magħmul*";

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*". L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Ħadd m'għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar. (2) Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni ta' piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati*";

Illi l-artikolu 25A tal-Kap 378 li dwaru nbdew proċeduri kontra l-imputati kien jipprovdi li "*Kull persuna li tonqos milli twettaq deċiżjoni tat-Tribunal, jew tal-Qorti tal-Appell, minkejja li jkunu għaddew aktar minn tliet xhur minn meta tali deċiżjoni tkun għaddiet f'ġudikat, tkun ħatja kontra dan l-Att, u tista', meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux aktar minn ħames mitt euro: Iżda l-prosekuzzjoni għal offiża taħt dan l-artikolu tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjoni ta' l-akkużat li jwettaq id-deċiżjoni tat-tribunal jew tal-Qorti ta' l-appell*";

Illi l-Att VI tal-2011 li ħassar l-imsemmi artikolu daħal fis-seħħ fit-23 ta' Mejju tal-2011. Dan ifisser li kemm meta twettaq in-nuqqas li bih jinsabu mixlijin l-imputati u kif ukoll meta tnedew il-proċedimenti kriminali kontra tagħhom, l-artikolu 25A kien għadu fis-seħħ. Fl-artikolu 70 tal-imsemmi Att (li huwa wieħed mill-artikoli b'dispożizzjonijiet transitorji), il-liġi tipprovdi li: "*(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni u tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu japplikaw, kif ikun il-każ, għal kull: .. .. (b) proċedura pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att quddiem il-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni Ġusta u l-Bord tal-Appell għall-Affarijiet tal-Konsumatur, it-tnejn kif sostitwiti mit-Tribunal tal-Appell, it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi u l-qrati*";

Illi l-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jgħid: "*(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att*[14] *iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux - .. .. .. (b) jolqot it-*

[14] L-Att VII tal-1975 (Kap 249) daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 1975

*tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra; .. .. .. (d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk; .. .. u kull stħarriġ, proċediment legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu imposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda*";

Illi għal **dak li jirrigwarda l-aspett tal-jedd għal smigħ xieraq** implikat fir-Riferenza din il-Qorti ma tarax li, bil-bidliet li seħħew fil-liġi li taħtha jinsabu mixlija l-imputati se jintmess b'xi mod il-jedd tagħhom li jkollhom każ mismugħ bil-miftuħ minn qorti imparzjali w indipendenti mwaqqfa b'liġi. Lanqas ma jidher li b'xi mod ittiefset il-preżunzjoni li huma jitqiesu innoċenti sakemm, wara proċess kif imiss, jinstabu ħatja. Din il-Qorti tqis li l-Qorti Riferenti taf tajjeb biżżejjed x'għandu jsir biex jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq tal-imputati, ukoll fiċ-ċirkostanzi li nħalqu bil-bidliet fil-liġi li taħtha jinsabu akkużati, u ma għandha l-ebda dubju li l-imsemmija Qorti hija mgħarrfa u konxja tal-iżviluppi ġurisprudenzjali li ssawru maż-żminijiet biex jiggarantixxu li s-smigħ quddiemha tal-każ tal-imputati jħares dak il-jedd fundamentali tagħhom;

Illi, min-naħa l-oħra, il-bidliet li ddaħħlu fil-liġi li taħtha l-imputati jinsabu mixlija ma għandhomx jinfluwenzaw il-mod tat-tmexxija retta tal-proċediment imniedi kontra l-istess imputati. Dan jingħad ukoll minkejja l-fatt li l-għemil li dwaru l-imputati ġew mixlija ma baqax aktar reat. Il-kwestjoni se terġa' titqies taħt l-aspett tal-jedd fundamentali l-ieħor li dwaru saret ir-Riferenza lil din il-Qorti. Hemm ukoll il-prinċipju li ġeneralment il-kejl dwar jekk proċediment kriminali jkunx ħares il-jedd għal smigħ xieraq irid jitqies fil-qafas tal-proċediment kollu u mhux biss minn episodju partikolari li jinstilet maqtugħ mill-bqija tal-ġrajjiet tal-proċediment kollu[15];

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni mqajma mill-Avukat Ġenerali hija tajba u ma jistax jingħad li, fil-qagħda u sal-punt li waslu sa issa l-proċeduri kriminali mnedija kontra l-imputati, saħħ jew hemm il-biżgħa li jseħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li safejn ir-Riferenza titlob direzzjoni dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, ma jirriżulta li fil-każ tal-imputati kif tmexxa sa issa ma hemm l-ebda ksur tal-imsemmi jedd;

[15] Kost. **26.4.2013** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Dr Melvyn Mifsud*** §§ 25 u 27

Illi jidher li l-iżjed aspett li dwaru r-Riferenza titlob direzzjoni huwa dak li jirrigwarda l-**jedd li persuna ma tinstabx ħatja dwar xi għemil li, fiż-żmien li twettaq, ma jkunx meqjus mil-liġi bħala reat**;

Illi safejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikjolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fihom jiġbor fih il-massima tad-dritt "*nullum crimen sine praevia lege*" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il-prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("*nulla poena sine lege*"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis-sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l-għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;

Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pwieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali[16]. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli[17];

Illi jidher li minn dawn id-dispożizzjonijiet maż-żmien tnissel ukoll mill-Q.E.D.B. prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorità nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-Qrati, liema għemil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[18]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[19]. Ifisser biss li l-Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew taħlaq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni

[16] Q.E.D.B. (GC) **17.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Scoppola vs Italja (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[17] Q.E.D.B. **7.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***E.K. vs Turkija*** (Applik. Nru. 28496/95) §51
[18] Q.E.D.B. (GC) **25.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Kokkinakis vs Greċja*** (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3
[19] P.A. (Kost.) GV **28.3.2008** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorraine Falzon*** (mhix appellata)

jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "*The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court*[20] *took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity*"[21];

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat Ġenerali jisħaq li f'dan ir-rigward ukoll ir-Riferenza saret qabel waqtha, għaliex it-tħaddim tal-jedd imsemmi jaf l-applikazzjoni tiegħu meta persuna tkun instabet ħatja ta' għemil jew reat kriminali u mhux qabel. Ladarba l-proċeduri li fil-qafas tagħhom saret ir-Riferenza għadhom mexjin, ma jistax jingħad li hemm ksur tal-imsemmi jedd, b'mod partikolari fejn jgħodd il-prinċipju li persuna titqies li hija innoċenti sakemm ma tirriżultax mod ieħor il-ħtija tagħha. Huwa jżid jgħid li, biex wieħed jista' jqis jekk seħħx tabilħaqq ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, irid ikun hemm sejbien ta' ħtija b'sentenza jew deċiżjoni li tkun aħħarija u li minnha ma jistax jittieħed l-ebda proċediment ieħor[22];

Illi l-Qorti tagħraf is-siwi tas-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar it-tħaddim tar-regoli li jħarsu l-imsemmi jedd, imma fl-istess waqt ma tistax twarrab minn quddiemha ċ-ċirkostanza partikolari li wasslet lill-Qorti Riferenti biex titlob id-direzzjoni ta' din il-Qorti. Kif ingħad qabel, f'dan il-każ, il-bdil li seħħ fil-liġi neħħa minn reat l-għemil (jew aħjar, in-nuqqas ta' għemil) li dwaru l-imputati kienu mixlija. Fl-istess Riferenza, il-Qorti Riferenti indikat jekk huwiex il-każ li titħaddem ir-regola magħrufa bħala tal-"*Lex mitior*". Minħabba li din il-Qorti jidhrilha li dan l-aspett jgħodd għaċ-ċirkostanzi li nħalqu fil-każ tal-imputati, sejra tqis ir-Riferenza wkoll taħt id-dawl tal-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

---

[20] Ir-riferenza hawn hija għas-sentenza tal-Q.E.D.B. **25.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grigoriades vs Greċja*** (Applik. Nru. 24348/94) § 38
[21] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, (4th Edit), § 11.3 f' pag. 654
[22] Kost. **6.2.2015** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Matthew Żarb et*** §§ 12 – 16

Illi ma hemmx dubju li l-jedd li persuna ma tingħatax piena għal għemil li ma jkunx jikkostitwixxi reat tiġbor fiha konsiderazzjoni wkoll dwar il-piena nnifisha, għaliex ma huwiex biżżejjed li l-għemil ikun jikkostitwixxi reat meta jsir, imma li s-sanzjoni jew il-piena li tista' tingħata għal min iwettaq għemil bħal dak trid tkun ukoll stabbilita minn liġi u magħrufa b'mod ċar minn qabel. Kemm l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huma ċari biżżejjed biex ifissru dan. Dan ifisser li għemil li l-liġi tqisu bħala reat jiġbed fuqu l-piena jew is-sanzjoni li l-liġi tippreskrivi minn qabel. Kull bdil fil-liġi li bih il-piena ta' xi għemil jew ommissjoni tiħrax ma tistax tolqot il-ksur ta' dak l-għemil jew dik l-ommissjoni li jkun twettaq qabel il-bdil tal-liġi, għaliex il-piena li tgħodd hija dejjem dik li kienet tgħodd meta l-għemil ikun twettaq;

Illi l-kwestjoni li tqum, madankollu, huwa x'effett jista' jkollu bdil ta' liġi wara li jkun twettaq għemil jew ommissjoni li, fiż-żmien li twettqu, kienu jikkostitwixxu reat meta dak il-bdil jidher li jkun ħassar ir-reat. Dan huwa l-każ li fih jinsabu l-imputati fil-proċeduri li wasslu għal din ir-Riferenza;

Illi din il-Qorti tagħraf li din il-kwestjoni qamet ukoll quddiem il-Q.E.D.B. kemm-il darba u ma jidhirx li l-fehma u t-tagħlim dwarha kienu dejjem f'bixra waħda. Il-linja li kienet tittieħed kienet li, ladarba l-artikolu 7 ma jsemmix kontinġenza bħal din, allura l-għoti ta' piena eħfef ma kinitx tagħmel parti minn dak l-artikolu[23], u wisq anqas ma jseħħ il-waqfien ta' xi proċediment kriminali li jkun laħaq inbeda[24]. Min-naħa l-oħra, ingħad li "*The words 'at the time the criminal offence was commited'*[25] *suggest that this provision does not confer a right to application of the norm as subsequently alleviated, or of the lowered penalty. However, as observed above, Article 7 clearly does prohibit such an application either. It may even be prescribed by doestic law .. The lack of a provision of this iport in Article 7 is to be regretted, but it may be hoped that every court, except in special circumstances, will exercise this clemency if its domestic law leaves any scope for so doing*"[26];

Illi madankollu, f'każ partikolari (u li jidher li kien f'moħħ il-Qorti Riferenti meta fasslet ir-Riferenza li bagħtet lil din il-Qorti) ingħad li "*the Court takes the view tha it is necessary to depart from the case-law established by the Commission .. .. and affirm that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of*

[23] Ara, b'eżempju Q.E.D.B. **30.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Zaprianov vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 41171/98)
[24] W.A. Schabas *The European Convention on Human Rights: Commentary* (OUP 2015) f'paġ. 350
[25] B'riferenza għall-Art. 7 tal-Konvenzjoni
[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit*, § 11.3 f' pag. 657

*the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant*"[27]. Fost l-oħrajn, biex waslet għal dik il-fehma, il-Q.E.D.B. qieset żviluppi ta' liġijiet jew konvenzjonijiet internazzjonali li daħlu fis-seħħ mal-medda tas-snin, fosthom ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja[28];

Illi wieħed irid jgħid li dik is-sentenza ma kinitx unanimi u ċ-ċirkostanzi li dwarha ngħatat dik il-fehma ma kinux għal kollox jixbhu 'l dawk tal-każ tal-imputati f'din il-kawża. Minbarra dan, wieħed ma jistax joqgħod biss fuq dak li jiddisponi l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni bla ma jqis ukoll dak li jgħid l-artikolu 7(2);

Illi jekk wieħed kellu jqis id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi f'Malta u li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-bdil li sar fil-liġi ma laqat bl-ebda mod is-siwi tal-akkuża mressqa kontra l-imputati għaliex, fid-data meta twettaq l-għemil li bih jinsabu akkużati u wkoll fiż-żmien meta nfetħu l-proċeduri kontra tagħhom, l-artikolu 25A tal-Kap 378 kien fis-seħħ u kien jippreskrivi sanzjoni f'każ ta' sejbien ta' ħtija. L-istess jista' jingħad dwar id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni u dan b'rabta ma' dak li jipprovdi l-artikoplu 39(8) tal-Kostituzzjoni wkoll. Il-kwestjoni hija xi ftit aktar delikata meta wieħed jaqra l-artikolu 70 tal-Kapitolu 510. Minn kliem dak l-artikolu din il-Qorti tifhem li, fil-każ tar-reat li kien maħsub taħt l-artikolu 25A tal-Kap 378, għal dak li jirrigwarda proċeduri f'qorti li kienu diġà nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-bidliet fil-liġi, dak l-artikolu jitqies bħallikieku ma tħassarx. Fi kliem ieħor, ir-rieda tal-liġi jidher li hi li fil-każ ta' għemil jew ommissjoni taħt l-artikolu 25A u li dwaru kienu ttieħdu passi quddiem qorti, dak l-artikolu mhux biss ma tħassarx imma lanqas jista' jingħad li l-għemil ġie dekriminalizzat;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas fir-rigward tal-jedd tal-imputati li ma jkunx suġġetti għal piena għal għemil li mhuwiex reat stabbilit mil-liġi ma jirriżulta li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tagħhom, qiegħed jew sejjer ikun hemm ksur ta' dan il-jedd bil-fatt li qegħdin jitmexxew kontrihom il-proċeduri kriminali li minnhom tressqet din ir-Riferenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali** bid-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2014, billi ssib li ma jirriżulta li seħħ jew lanqas kien hemm il-biżgħa li

[27] Q.E.D.B. (GC) **17.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Scoppola vs Italja (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 10249/03) § 109
[28] Art. 49(1)

jseħħ l-ebda ksur tal-jedd tal-imputati li jkollhom smigħ xieraq jew li jistgħu jinstabu ħatja ta’ għemil li, meta twettaq, ma kienx meqjus bħala reat skond il-liġi u la taħt l-artikolu 39(1) u (8) tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex tgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista’ tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**4 ta’ Lulju, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**4 ta’ Lulju, 2019**